**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Kawża Numru: 11**
**Rikors Guramentat Numru:- 415/2021 JVC**

**Id-Direttur , Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Carmel sive Charles Borg ID 0076458(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali talab kif isegwi:

1. 'Illi in segwitu ghall-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Frar 2015 fl-atti tal-kawza 1138/14 LSO fl-

ismijiet Sandro Chetcuti et vs Catherine Borg et l-istess Sandro Chetcuti et talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 308/18 kontra l-intimat Borg mill-proprjeta ossia porzjoni diviza ta' art bl-immobbli ossia mithna u l-fond l-iehor mibnija fuqha, numri 42 u 43 bl-isem "Windmill", Victory Street, B'Kara.

**2.** Illi permezz ta' rikors intavolat fid-29 ta' Ottubru 2018 minn Sandro Chetcuti u Michael Xuereb kontra l-intimati odjerni fl-att tal-mandat ta' zgumbrament sudett l-istess Chetcuti u Xuereb talbu lil Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 1003 A tal Kap 12 tordna lill-esponenti jinizzja proceduri ta' disprezz kontra l-intimat ghar-ragunijiet imfissra fl-istess rikors- **Dok RQCT 1.**

**3.** Illi permezz ta' provvediment datat 30 ta' April 2019 fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament sudett numru 308/18/1 LSO din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-esponenti sabiex iniedi proceduri ta' disprezz kontra l-intimat kif imfisser fl-istess provvediment -**Dok RQCT 2.**

4. Illi in adempiment ma tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tlieta u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.'

Rat ir-risposta ta' Carmel Borg li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-allegazzjonijiet huma infondat kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt;

2. Illi fil-mitha u l-ghalqa l-esponenti ivvaka u mhuwiex qieghed jokkupa din l-art jigifieri il-42 u l-43, Windmill, Victory Sreet, B'Kara huwa vojt;

3. Illi l-esponenti ihalli xi vetturi fit-triq li mhiex propjeta tal-kweelanti u ta' dan qedghl joggezzjonaw.'

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Jannar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni wara li saret trattazzjoni mill-Avukati tal-partijiet li giet traskritta.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikors prezenti jikkonsisti f'talba sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-intimat Carmel sive Charles Borg huwa hati ta' disprezz fil-konfront tal-Awtorita' tal-Qorti ghar-raguni li jsostni li l-intimat, wara ezekuzzjoni ordnata minn din il-Qorti diversament preseduta datata 11 ta' Lulju, 2018 li permezz taghha huwa gie zgumbrat minn ambjenti li jgibu l-indirizz 42/43 'Windmill', Victory Street, Birkirkara billi anki nbidlu l-katnazzi tal-fondi u c-cwievet gew depozitati fil-Qorti, allegatament, l-intimat rega' nehha tali katnazzi u kompla jaghmel uzu mill-ambjenti filwaqt li ghamel katnazz iehor hu. Dan kollu wassal sabiex is-sidien ghalkemm zgumbrawh mill-post abbazi ta' sentenza tal-Qorti u mandat ta' zgumbrament xorta wahda spiccaw minghajr access ghall-fond in kwistjoni.

Minn naha tieghu l-intimat jichad li qed jokkupa l-mithna u l-ghalqa li huwa jsejjah bhala art bl-indirizz 42 / 43, Windmill, Victory Street, B'kara u li huwa jhalli xi vetturi fit-triq li mihiex proprjeta' ta' min qed joggezzjona.

Illi fil-mertu l-Qorti rat ir-rikors li sar originarjament minn Sandro Chetcuti u Michael Xuereb datat 29 ta' Ottubru, 2018 a fol. 4 tal-process li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex tordna li jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' Catherine Borg u l-intimat odjern Carmel sive Charles Borg.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 30 ta' April, 2019 (fol. 7 et seq tal-process) li permezz taghha dik il-Qorti ordnat li a ternur tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta r-Registratur tal-Qorti jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-intimat Carmel sive Charles Borg ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

**Semghet u rat ix-xhieda ta' Sandro Chetcuti a fol. 31 et seq tal-process.** Huwa jsemmi kif permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta l-intimat kien gie ordnat jizgombra mill-fond fi zmien impost fuqu stante li l-fond huwa proprjeta' tieghu u tal-'partner' tieghu Michael Xuereb. Marru l-marixxalli fuq il-post wara mandat ta' zgumbrament u hadu c-cweivet tal-post u ddepozitawhom il-Qorti. Jghid li jidhirlu li gabru dawn ic-cwievet izda meta l-'partner' tieghu Michael Xuereb mar fuq il-post sab li l-intimat kien rega' qata l-katnazzi u bidel ic-cwievet b'dana li spiccaw minghajr access. Fl-istess hin l-intimat beda jitkellem hazin u jghidilhom li ebda Qorti ma kienet ser tohorgu minn hemm. Izid li wara dan ittiehdu diversi proceduri ohra fil-Qorti fosthom kwerela izda baqghu minghajr access.

**Semghet u rat ix-xhieda ta' Michael Xuereb a fol 33 tal-process.** Jikkonferma li huwa s-sid flimkien ma' Sandro Chetcuti. Jixhed kif isegwi:

'Dan konna erbahna l-kawza ahna biex hu jizgombra minn hemm u mbaghad ma ried johrog minn hemm u joqghod jheddidna u mbaghad ftahna kawza ohra. Gew il-marixxalli, ghamlu l-katnazzi, kisser il-katnazzi, regghu gew hemmhekk, regghu bidlu l-katnazzi, rega' kisser il-katnazzi u mbaghad jiena kont qbadtu gewwa, gol-garaxx bil-bieb miftuh u kont hadtlu ritratt ukoll. Kien qieghed esebit go kaz iehor u ilna ghaddejjin dawn l-ahhar tmien snin.

Mill-bidu nett li konna erbahna l-kawzi, u mhux wahda erbahna ma nafx kemm-il darba.'

Izid li c-cwievet tal-katnazzi li ghamlu l-marixxalli ma gabruhomx ghaliex l-intimat lahaq rega' bidel il-katnazzi u ghamel wiehed tieghu. Jghid li huwa mar diversi drabi fuq il-post u ra lill-intimat jahdem mill-fond u bil-katnazz li ghamel l-intimat stess mdendel.

**Semghet u rat ix-xhieda tal- marixxall Eugenio Mallia a fol. 37 et seq tal-process** li kkonferma li kien hu li esegwixxa il-mandat ta' zgumbrament fil-konfront tal-intimat Carmel Borg. Kienu marru fuq il-post, sgasssaw, biddlu s-serraturi u ddepozitawhom il-Qorti u dan fl-indirizz indikat fir-rikors guramentat odjern. Jiftakar li fuq il-post kien hemm Carmel Borg u jgharfu fl-awla li jghid li ghall-bidu ghamel ftit oggezzjoni izda mbaghad obda l-ordnijiet. Ma jkunx jaf jekk xi hadd ikunx gabar ic-cwievet mill-Qorti.

**Semghet u rat ix-xhieda tal-marixxall Mario Genuis a fol. 40 et seq tal-process** li jghid li waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat huwa kien xhud. Jikkonferma tista' tghid il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-marixxall Eugenio Mallia.

Rat il-kopja tar-referta datata 11 ta' Lulju, 2018 maghmula fl-atti tal-mandat mill-marrixxalli suesposti (fol. 44) li taqra kif isegwi:

'Nghid u nizgura li esegwejt dan il-Mandat ta' Zgumbrament u rikors tad-19 ta' Gunju 2018 u digriet ta' 20 ta' Gunju 2018 ghal isgass fl-indirizz propjeta ossia porzjon diviza ta' art bl-immobbli ossia mithna u l-fond l-iehor mibnija fuqha, bin-numri ufficjali 42, 43 u ggib l-isem Windmill, P Victory Street, B'Kara, billi meta fil-11 ta' Lulju 2018 gejt muri min Micheal Xuereb ID:278165(M), il-bieb tal-garax bla numru li huwa parti tal-fond mertu tal-Mandat, sar l-

isgass min Johan Attard ID:333188(M) inqalet is-serratura, sar katnazz bl-isem ta' Valer bi tlett cwievet li ser jigu d-depositati fir-Registru tal-Qorti, fil-garaxx hemm hafna body parts u roti tal-karozzi, prezenti kien hawn l-intimat Charles Borg li gie waqt li sgass fejn qal li m'ghandux cwievet tal-bieb tal-garaxx, sar sgass iehor kif get muri mir-rikkorent Micheal Xuereb ID:278165(M) ta' garaxx bla numru li huwa ukoll parti mill-fond mertu tal-Mandat sar l-isgass min Johan Attard ID:333188(M), inqala katnazz l-antik u nbidel f;'wiehed gdid bl-isem ta' Valer bi tlett cwievet li ser jigu d-depositati permezz ta' Cedola fir-Registru tal-Qorti. Irrid nghid li f'dan il-garaxx sibna karozza tal-marka Mercedes, Charles Borg jiddikjara li jekk huwa jkun irid jiehu dawn l-oggetti li jinstabu fil-fond mertu tal-ezekuzzjoni, huwa ser jinforma lir-rikorrent. Prezenti PC766 Jeremy Agius, prezenti ukoll l-avukat tar-rikorrent Dr William Cuschieri.

Nghid ukoll li tajt kopja ta dan il-Mandat u r-Riferta f'idejn l-intimat Charles Borg prezenti.'

Il-Qorti rat li din id-dikjarazzjoni hija ffirmata mill-Marixxall Eugenio Mallia.

Rat ic-cedola tad-depozitu tac-cwievet in kwistjoni a fol. 45 tal-rpocess li ggib id-data tat-12 ta' Lulju, 2018.

**Semghet u rat ix-xhieda ta' Carmel sive Charles Borg l-intimat a fol. 51 et seq tal**-process kif ukoll id-dokument cioe' 'Ftehim' bejn is-sidien Chetcuti u Xuereb u l-intimat Carmel Borg u Catherine Borg liema fethim igib id-data tas-27 ta' Jannar, 2015 (esebit a fol. 48 et seq tal-process). L-intimat jaghmel referenza ghal din l-iskrittura u jghid li huwa ftiehem mas-sidien li jhallsuh somma u hu johrog mill-fond in kwistjoni. Jghid li kif ghalaq it-terminu tal-

ftehim tah ic-cwievet izda ma tawhx flus. Izid li bghat zewg ittri biex ihallsuh. Kellhom ituh xi tletin Elf Euro (€30,000). Mistoqsi mill-Qorti allura la ma tahx il-flus huwa baqa′ fil-post? Iwiegeb li kien hareg imma hemmhekk ghandu l-bhejjem u kien ghadu ma nehhihomx mbaghad jghid li s-sid bghat il-lavranti joqtluhom u nehha kollox bil-gaffa u kisser il-bibien. Jghid li huwa ghandu bicca prorpjeta′ li hija tieghu tmiss ma′ dik in kontewtazzju u jixhed li s-sidien qed jghidu li hi taghhom ukoll, jghid li hemm zewg garaxxijiet tieghu u huma qed jghidu li huma taghhom. Skonthu mhux ihalluh jidhol hemm.

Il-Qorti rat il-versjoni li ta Charles Borg quddiem l-Imhallef Lorraine Schembri Orland li tohrog mid-decizjoni esebita datata 30 ta′ April, 2019 fejn a fol. 14 huwa xehed illi l-garaxx ghadu mimli bl-oggetti tieghu u hu lest johroghom jekk jithallas l-ammont ta′ flus li kellhom ituh. Qal li hu ma kisser l-ebda serratura u kollox ghadu kif hallih il-Marixxall. Jghid izda li r-rikorrenti Chetcuti u Xuereb jkunu jistghu jidhlu fil-garaxx biss meta jhallsuh.

Rat il-kontenut tal-ftehim a fol. 48 tal-process li fil-qosor kien jaghti zmien sentejn mid-data tas-27 ta′ Jannar, 2015 sabiex l-intimat jivvaka l-fond b′dana li ghal dawk is-sentejn is-sidien qablu li ma jezegwux id-decizjoni ta′ zgumbrament u malli l-intimat jghaddi c-cwievet jithallas is-somma ta′ sebgha u ghoxrin elf (€27,000). Fin-nuqqas li l-intimat jonora l-obbligu fiz-zmien impost gie miftiehem penali kontra l-intimat ta′ elf Euro (€1,000) kuljum ghad-dewmien.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi esebiti fl-atti u mix-xhieda din il-Qorti hija konvinta li effettivament l-intimat Carmel Borg, wara li l-marrixxalli tal-Qorti esegwew il-mandat ta' zgumbrament, rega' dahal fil-proprjeta' in kwistjoni billi kisser il-katnazzi li saru mill-marrixxalli u ghamel sokor gdid da parti tieghu filwaqt li baqa' allura jaghmel uzu mill-proprjeta' in kwistjoni w'eskluda lis-sidien mill-istess. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda bil-gurament ta' Sandro Chetcuti u Michael Xuereb quddiem din il-Qorti.

Illi huwa evidenti lil din il-Qorti mill-atti li l-intimat Carmel Borg jahseb li huwa ghola mill-ordnijiet tal-Qorti u jahseb li jista' jaghmel li jrid billi wara li jigu esegwiti l-ordnijiet tal-Qorti jiehu l-ligi b'idejh u jiehu lura f'idejh il-pussess tal-fondi li minnhom kien ghadu kif gie zgumbrat.

Illi l-artikolu 997 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) jaqra kif isegwi:

'(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro uerbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas

minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkomplin-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.'

Illi l-Qorti rat li l-intimat anki quddiem din il-Qorti waqt ix-xhieda tieghu sfaccatament gideb nonostante li kien bil-gurament u qal li ma kien mess xejn wara li marru l-marixxalli u dan wara li quddiem l-Imhallef Lorraine Schembri Orland kien sostna li l-garaxx ma jiehduhx qabel ma jhallsuh is-somma li hu jsostni li ghandhom ihallsuh. Illi din il-Qorti ma tistax tittollera aktar dan l-agir da parti tal-intimat Carmel sive Charles Borg li jinjora assolutament u jizzufjetta bl-awtorita' tal-Qorti u l-ordnijiet taghha.

Illi in vista tas-suespost din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess. Din il-Qorti tqis ukoll li la darba mill-atti jirrizulta li l-istess intimat lanqas penali ta' elf Euro (€1000) kuljum ma wasslitu sabiex jizgbomra mill-fond in kwistjoni u jobdi l-ordnijiet tal-Qorti, wisq anqas ser jobdi ordni ta' din il-Qorti jekk timponi biss multa ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li timponi wkoll piena ta' prigunerija kif inhu fil-poter taghha fit-termini tal-artikolu 997 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta u ssib lill-intimat Carmel sive Charles Borg hati ta' disprezz kontra l-awtorita' tal-Qorti;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u fit-termini tal-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tikkundanna lill-intimat Carmel sive Charles Borg bil-karta tal-identita' numru 76458 (M) ghal prigunerija ghal zmien xahar u ghal multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna wkoll lill-intimat Carmel sive Charles Borg sabiex inehhi l-oggetti kollha li huwa ghandu fil-proprjeta' bl-indirizz 42 u 43 bl-isem 'Windmill", Victory Street, B'Kara u jizgombra mill-istess fi zmien massimu ta' xahrejn mid-data li din id-decizjoni ssir *res judicata* u jekk jonqos milli jaghmel dan fiz-zmien impost jehel penali ta' ammenda ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien impost.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat.

Tordna n-notifika ta' dan id-decizjoni lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiprosegwu biex jesegwixxu l-istess fil-mument li din issir *res judicata*.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2024**